# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

## Seduta tallum il-Ġimgħa 31 ta' Jannar, 2025

**Rikors Ġuramentat nru.: 419/2019 MH**

**Numru: 3**

**Brigitte Spiteri**

**Vs**

**Maria Theresa Sive Marthese Mifsud**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat datat 29 ta' April 2019 fejn ġie premess u mitlub kif ġej:

1. *"Illi l-kontendenti huma ahwa, l-unici wild ta' Oreste Spiteri u martu, Melita Spiteri née Abela;*

2. *Illi Oreste Spiteri miet nhar l-20 ta' Lulju 2017 filwaqt li Melita Spiteri mietet nhar is-17 ta' Settembru 2018 (Vide Dok. 'A' u 'B' rispettivament)*

3. *Illi l-ahhar testment tad-defunti huwa testament unica charta li thejja nhar it-2 ta' Settembru 2008 u li gie ppubblikat min-Nutar Dr. Herbert Cassar (Vide Dok. 'C').*

4. *Illi f'dak it-testment, it-testaturi hallew lil xulxin kwart indiviz tal-gid taghhom apparti d-dritt ta' uzufrutt tar-rimanenti tlett kwarti filwaqt li nnominaw lill-intimata Marthese Mifsud bhala l-werrieta universali taghhom. Fil-konfront tal-esponenti, id-defunti hallewlha l-legittima (ara s-sitt (6) u t-tlettax-il (13) artikoli ta' l-imsemmi testment);*

5. *Illi bil-mewt ta' Melita Spiteri, l-intimata giet ikkonfermata bhala l-werrieta universali tal-genituri taghha;*
6. *Illi l-esponenti nterpellat lill-intimata, inkluz permezz ta' l-ittra ufficcjali numru 4331/2018 (Vide Dok. 'D') sabiex taghti rendikont shih u dettaljat tal-attiv u l-passiv tal-eredità tad-defunti Oreste Spiteri u Melita Spiteri, u in kwantu ghall-attiv, rendikont shih bil-valutazzjonijiet reali relattivi tal-istess assi mobbli u immobbli kollha formanti parti mill-istess eredità, u dan sabiex il-kreditu dovut lill-esponenti tas-sehem taghha kif rizervat mil-Ligi ai termini tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jkun jista' jigi kwantifikat u debitament imhallas;*

7. *Illi minkejja dan, l-intimata baqghet inadempjenti.*

*Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti, previa kull dikjarazzjoni necessarja:*

1. *Tistabilixxi u tillikwida, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, l-assi ereditarji appartenenti lid-defunti konjugi Oreste u Melita Spiteri, billi jigi dikjarat li jikkonsistu f'dawk il-beni u sostanzi li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

2. *Tillikwida, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, il-kreditu spettanti lill-esponenti in linea tas-sehem rizervat lilha mil-Ligi u kif imholli lilha mit-testment unica charta tal-konjugi Oreste u Melita Spiteri tat-2 ta' Settembru 2008 mill-assi ereditarji tad-defunti;*

3. *Tikkundanna lill-intimata thallas lill-esponenti s-sehem rizervat hekk likwidat konsegwentement ghall-ewwel u t-tieni talbiet, anke billi jigu assenjati lir-rikorrenti tant beni li jikkorrispondu ghas-sehem rizervat hekk likwidat jekk ikun il-kaz;*

4. *Tinnomina, jekk ikun il-kaz, Nutar Pubbliku sabiex jircievi u jippubblika l-att opportun fil-jum, hin u post stabbilit mill-Qorti, u kuraturi deputati sabiex jirraprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.*

*Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficcjali numru 4331/2018, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ftuh tas-successjoni tad-defunti Oreste u Melita konjugi Spiteri, kontra l-intimata li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni."*

Rat ir-risposta ġuramentata[1] fejn ġie eċċepiet kif ġej:

1. *"Illi l-kontendenti huma aħwa, l-uniċi wlied tad-defunti Oreste u Melita nee' Abela konjuġi Spiteri;*

2. *Illi skont testment unica charta fl-atti tan-Nutar Dr Herbert Cassar tat-2 ta' Settembru 2008, l-esponenti ġiet istitwita bħala eredi universali tal-kompjanti ġenituri tagħha li ħallew lir-rikorrenti Brigitte Spiteri il-legitima portio spettanti lilha skont il-liġi;*

3. *Illi l-esponenti ppruvat timitti lir-rikorrenti dak dovut lilha mill-eredita' tal-ġenituri tagħhom, tant li anke bagħtet valutazzjoni tal-Perit Joseph Zerafa Boffa tal-fond li kien iservi bħala dar matrimonjali tal-kompjanti ġenituri tal-kontendenti u ċjoe l-fond 136, Triq il-Liedna, Fgura, fil-waqt li ottjeniet tagħrif mingħajr komproprjetarji terzi ta' proprjeta li fihom il-mejtin kellhom ishma indivisi;*

4. *Illi l-attriċi kienet anke imsejjħa għal-laqgħa għand in-Nutar Sarah Scerri li kienet inkarigata mill-esponenti sabiex tirrediġi att ta' dikjarazzjoni causa mortis u tlesti d-dispożizzjonijiet relattivi għall-ħlas tal-leġittima spettanti lir-rikorrenti iżda din irrifjutat li tattendi biex tevita li tiltaqa' mal-esponenti;*

[1] Folio 15a

5. *Illi kopja tal-korrispondenza skambjata qed tiġi annessa u mmarkata Dok. "A";*

6. *Illi minkejja dan ir-rikorrenti għażlet li tasal għal dawn il-proċeduri;*

*Illi tant sottomess l-esponenti teċepixxi dan li ġej:-*

1. *Illi l-azzjoni attriċi hi intempestiva billi l-esponenti mhux talli ma rrifjutatx li tersaq għal-likwidazzjoni tas-sehem riżervat dovut lill-oħtha Brigitte Spiteri talli kienet l-istess attriċi li rrifjutat li tersaq għall-likwidazzjoni u l-ħlas u kwindi l-esponenti mgħandhiex tbati spejjeż tal-odjerna proċedura;*

2. *Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talba attriċi hija nfondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt kif se jirriżulta fil-mori tal-kawża;*

3. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż."*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet preżentati.

Rat li din il-kawża tħalliet għas-sentenza għallum.

Ikkunsidrat

Illi din hija kawża għat-tfittxija u  kwantifikazzjoni tal-porzjoni riservat bejn żewġ aħwa bniet fejn waħda minnhom kienet tant fdata mill-genituri tagħha li kellha anke f'idejha l-prokura tagħhom u l-oħra kienet anke kriminalment ikkundannata minħabba offiża fuq missierha. Tant li l-konvenuta tħalliet bħala werrieta universali  u oħtha l-attriċi biss il-porzjon riżervat. Dak li xpruna din il-kawża kien in-nuqqas ta' qbil bejn l-aħwa fuq dak li hu dovut lill-konvenuta.

Biex il-Qorti tiddetermina dak li hu dovut lill-attriċi bilfors irid isir eżami ta' 'l hekk imsejjħa l-massa ereditarja. Għal dan il-għan iġibu jixhdu kemm ir-rappreżentanti tal-banek ukoll ġie maħtur perit tekniku fil-konfront tal-immobbli dar matrimonjali tal-ġenituri defunti.

Fl-ewwel lok tara li ġie esibit it-testment bejn il-ġenituri li juri dak ġia premess.[2]

**Jiġi premess illi l-ġenituri tal-partijiet mietu hekk: Oreste Spiteri nhar l-20 ta' Lulju, 2017 u Melita Spiteri nhar is-17 ta' Settembru, 2018.**[3]

Rat ukoll l-ittra uffiċjali li l-attriċi bagħtet lil oħtha l-konvenuta fil-konfront tal-porzjon riservat datata 21 ta' Diċembru, 2018.[4]

---

[2] Folio 6 Dok C.
[3] Ċċertifikati mediċi esebiti bħala Dok A u B rispettivament folio 4 u 5.
[4] Folio 10

Ikkunsidrat.

**Ix-Xhieda Mressqa**

Ġie preżentat rapport mill-perit *ex parte* tal-konvenuta tal-**Perit Joseph Zerafa Briffa**[5] f'dan ikkonkluda illi l-proprjeta' fiż-żmien tas-17 ta' Jannar, 2018 kellha l-valur fuq is-suq miftuħ ta' mija u tletin elf Ewro, €130,000.

Da parti tal-perit tekniku **Godwin Abela** nominat minn din il-Qorti rat li dana wassal għall-valur tal-fond *de quo* fid-data ta' Lulju u Settembru 2017 fl-ammont ta' mija u ħamsa u sebgħin elf ewro, €175, 000.[6]

L-attriċi telgħet ukoll bħala provi l-banek li fi ħdanhom kellhom il-kontijiet bankarji tal-ġenituri tagħha.

[5] Folio 20
[6] Folio 165

Il-Bank HSBC rappreżentat minn **Lorranie Attard**[7] li esebit diversi statements ta' kontijiet bankarji f'isem il-mejtin ġenituri.

Fl-ewwel lok jiġi notat illi l-konvenuta kellha a favur tagħha żewġ prokuri mogħtija lilha mill-ġenituri rispettivi.[8]

Miss. Attard xehdet li Oreste Spiteri kellu f'ismu savings account bin numru 087 033 676 050, liema kont baqa' attiv anke wara mewtu. Dan ġie preżentat bħala Dok LA.

Mall-ewwel jiġi nnotata illi minn dan il-kont sistematikament kien hemm ġbid kontinwu ta' flejjes fi żminijiet qosra. Dan kif jidher mill-istess statement esebiti.

Ukoll li wara d-deċess tal-missier daħħlu f'dan il-kont l-ammont ta' €27,952.48, dan xahar u ftit oltre li miet il-missier.

Id-dokument LM1[9] huma statement ta' kont, savings account, li kien f'isem id-defunta omm Melita Spiteri li mietet fis-17 ta' Settembru 2018. Dan ukoll baqa' attiv.

[7] Folio 29
[8] Dok LM3 u Dok LM4 a folio n76 u 78 et. seq.
[9] Folio 52

Dan il-kont ukoll juri ġbid sistematiku u ferm frekwentat minnu. Dan il-kont iġib in-numru ta' 087-034906-050. Jingħad li meta nfetaħ dan il-kont fl-10 ta' Jannar, 2013 kellu fih il-bilanċ ta' €13,986.94.

Ix-xhud esibit ukoll id-dokument Dok.LM2[10] dan kien jirrigwarda kont konġunt li nfetaħ fl-10 ta' Mejju, 1994 u ngħalaq fil-21 ta' Awwissu, 2017.

Fir-rigward ta' dan l-aħħar fixed deposit account f'isem il-konjuġi Spiteri, kif tara l-Qorti, ftit wara il-mewt tal-missier u sena qabel il-mewt ta' l-omm, insibu illi dan l-ammont ta' **€27,952.48** ġie trasferit għall-kont bin-numru 087-033676-050.

Dan it-trasferiment sar fil-21 ta' Awwissu, 2017. Dan it-trasferiment sar meta l-omm kienet għada ħajja fil-kont ġia msemmi ta' Oreste Spiteri li kif rajna baqa' attiv anke wara mewtu.

**Johanna Bartolo** għan-nom tal-Bank of Valletta ukoll xehdet dwar il-kontijiet bankarji tad-defunti ġenituri.

[10] Folio 69

Esebit id-dokument JB[11] kont bankarju bin-numru 40023420119 f'isem Oreste Spiteri. Dan kien bejn is-snin 2012 sa 2017 u tgħid li kien baqa' attiv. Jidher li fl-14 ta' Lulju, 2017, minn dan il-kont inġibdet is-somma ta' **€6,807.32**. **Hawn il-missier kien għad baqgħalu sitt t'ijiem ħajja. Dan il-withdrawal sar b'saħħa ta' POA, Power of Attorney.**

Tixhed li fil-każ ta' Melita Spiteri irriżultaw tlett kontijiet bankarji bejn is-snin 2013 u 2018.

Mid-dokument JB1[12] tispjega li dan il-kont kien bin-numru 400 1122 5384. Dan tista'' tgħid kellu dħul u ħruġ identiku u frekwenti u spiċċa bil-bilanċ ta 0. Interessanti illi jiem wara l-mewt tad-detentriċi omm, inġibdet minnu s-somma kollha li kien għad hemm bħala bilanċ u ċioe' €1,164.69.

Id-dokument JB2[13] Term Deposit Account bin-numru 400 1129 0704 nfetaħ fis-sena 2002 u ngħalaq f'Settembru 2018. Dan ukoll spiċċa bil-bilanċ ta' 0 u ftit wara l-mewt ta' l-omm inġibdet minnu s-somma ta' €1,164.89.

[11] Folio 87.
[12] Folio 91
[13] Folio 97

Ġie esibit id-dokument JB3[14] li kien savings account ukoll f'isem l-omm Melita Spiteri. Dan inagħlaq f'Novembru 2017. **Allura wkoll wara l-mewt ta' l-omm**. Dan il-kont bankarju kellu fih l-ammont ta' €13,967.37. Fuq mistoqsija ta' l-avukat tal-attriċi jirriżulta li dawn l-ammont ġie miġbud fuq is-saħħa ta' Power of Attorney.

**Dwar din is-somma ta' €13,967.37 tixhed li din is-somma bi transazzjoni tad-29 ta' Novembru, 2017, din ġiet withdrawn minn dan il-kont u trasferuta f'kont tal-konvenuta kont bin-numru 4002503319.**

Miss Bartolo esebit ukoll id-dokument JB4[15] li kien Power of Attorney, prokura bankarja li l-konvenuta ngħatat minn Oreste Spiteri.

Mistoqsija dwar il-ġbid tas-somma €6765 mill-kont bankarju ta' Oreste Spiteri mid-Dok JB[16] wieġbet li dawn il-withdrawals kienu a karigu ta' prokura li kienet ingħatat lill-konvenuta. Ikkonfermat li l-withdrawals li kienu jidhru fuq bażi ta' POA kienu ġew affettwati mill-konvenuta.

Għamlet referenza għall-prokura tal-bank li tinsab a folio 108.

[14] Folio 104
[15] Folio 108.
[16] Ara folio 89.

F’seduta oħra l-istess xhud Bartolo tat informazzjoni dwar ulied il-konvenuta bl-ismijiet Juan Mifsud u Raoul Mifsud. Esebit kont bankarju f’isem Juan mifsud[17], jidher li fid-data 9 ta’ Frar, 2019 dan irċieva mingħand ommu d-depositu ta’ somma fl-ammont ta’ €7,500.

Esibit ukoll il-kont bankarju ta’ Raoul Mifsud[18] li juri li fid-9 ta’ Frar 2019 rċieva deposit fis-somma ta’ €21,852.96.

Inġabet tixhed il-konvenuta **Maria Theresa Micallef.**[19] Mistoqsija x'għamlet bil-flejjes li sitematikament li hi ġibdet mill-kont ta’ missierha bis-saħħa tal-prokura mogħtija lilha, wieġbet li dawn kienet qegħdithom fil-kontijiet bankarji tat-tfal kif taha struzzjonijiet missierha talli kienu ħadu ħsiebhom.

Skontha dan ġara anke fil-konfront ta’ ommha u kienu struzzjonijiet li hi rċeviet bil-fomm. Tikkonferma wkoll li ġieli ddepożitat il-flus f’kont bankarju li kien isejjaħ lilha peress li uliedha kienu għadhom żgħar.

Mistoqsija dwar id-deheb li kellu missierha, tgħid li dan kien biegħ kollox għax kien jonfoq ħafna. Tgħid li kien baqagħlu biss ġiżirana li skonta kienet qiegħda x’imkien id-dar tal-ġenituri.  Tgħid li mid-deheb kollu dik biss nstabet.

[17] Dok JB 1 folio 147
[18] Folio 160, Dok JB2
[19] Folio 137.

Xehdet **Brigitte Spiteri** mitluba mill-konvenuta.[20]. Tgħid li l-ġenituri tagħha kellhom 86 u 87 sena meta mietu. T-tnejn baqgħu jgħixu d-dar sakemm spiċċaw rikoverati ġewwa Mater Dei. Ikkonfermat ukoll illi sas-sena 2008 kienet tgħix magħhom sakemm il-Qorti ordnatilha titlaq mid-dar minħabba proċeduri kriminali kontriha li ħa missierha. Tgħid li l-kwistjoni ngħalqet għax missierha ma ridhiex tistudja l-Università'. Tikkonferma wkoll li kienet refgħet idejha fuq missierha.

Tikkonferma wkoll li sakemm mietu l-ġenituri qatt ma reġgħet għexet magħhom. Tgħid li kienet tmur tittawlilhom l-isptar kuljum. Missierha dam rikoverat jiem u ommha xahrejn, tlett xhur. Qablet li kienet Marthese li kienet tieħu ħsiebhom. Ukoll li allavolja mkeċċija xorta kienet tmur tiekol għandhom wara l-Universita'.

Mistoqsija jekk wara l-mewt tal-ġenituri, Marthese oħtha kienetx pruvat tagħmel kuntatt magħha biex jaqsmu u hi tieħu l-porzjon riservat, wieġbet lin-Nutara kienet bagħtitilha ittra. Anzi tgħid li kienet hi li tramite l-avukat tagħha bagħtet din is-soliċitazzjoni u għaddiet biex tiftaħ il-kawża. Lmentat li ma ġietx mistiedna li tmur meta oħtha ġabet il-perit biex jivvaluta d-dar tal-ġenituri.

Pero' tikkonferma li kienet saret xi laqgħa biex hi tieħu l-legittima pero' ma qabblux.

[20] Folio 169

Ġie preżentat ukoll l-affidavit ta' **Maria Theresa sive Marthese Mifsud.** [21]

Tispjega li kienet hi li kienet tieħu ħsieb il-bżonnijiet tal-ġenituri tagħha. Kienu jafdawha u għalhekk tawha l-prokura biex tiffaċilitalhom ħajjithom u ma joħorġux mid-dar. Tikkonferma li fil-konfront ta' oħtha missierha kien għamel rapport talli attakatu b'sikkina. Il-Qorti kienet ordnatilha titlaq mid-dar. Tgħid li qatt ma għenet biex tieħu ħsieb il-ġenituri u li kien binha Raoul li kien jorqod man-nanna wara l-mewt tal-missier. Tgħid li kienet anke tħallsilhom il-carers minn flusha bejn €40 u €50 ewro kuljum. Tgħid li ommha ġieli tatha xi flus biex tħallas ta' dan is-servizz.

Tgħid li l-ġenituri kienu jonfqu l-pensjoni fuq il-ħajja ta' kuljum u mediċini. Xehdet li kienet tiġbed il-flus mill-kontijiet tagħhom u kienu jtuha l-ammonti lura. Kienet tiġbed il-flus fuq struzzjonijiet tagħhom.

Tgħid li meta miet missierha Brigitte waqfet tkellimha minħabba li ndunat li ħadet biss il-leġittima. Hi kienet qabdet lill-perit Zerafa Briffa biex jagħmel stima tad-dar tal-ġenituri minħabba l-*causa mortis*. Tgħid li żmien wara mietet ommha bagħtu r-rapport lil oħtha bl-avukat. Kellhom laqgħa biex jiftehmu pero' ma rrenxxitx għax Brigitte bdiet tgħajjat.

[21] Folio 186

Tgħid li hi ma riedetx iċċaħħad lil oħtha mill-leġittima. Għalkemm in-nutara għamlet kuntatt ma Brigitte din kienet irrifjutat li tattendi. Tgħid li minħabba oħtha weħħlet anke l-imgħaxijiet tal-causa mortis.

In kontro eżami wieġbet[22] li missierha dam gimgħa l-isptar u kienet tmur tarah kuljum. Tikkonferma li bil-prokura li taha missierha kienet ġibdet il-flus u dan skontha għax kienet ix-xewqa tiegħu li tiġbed il-flus u tatihom lit-tfal. Dan għax hi kienet tieħu ħsiebu qabel ma daħal l-isptar. Tikkonferma li meta missierha qallha biex tiġbed il-flus "*Ma specifikax eżattament l-ammont*"[23]. Mistoqsija allura kif iddeċidit kemm kellha tieħu wieġbet:

> *"Naħseb dak il-ħin kien qalli, per eżempju, ħu nofs il-flus jew xi ħaga…Ma nafx kemm kien hemm eżatt dak in-nhar."*[24].

Qalet ukoll li missierha ried li nofs tagħtihom lit-tifel tagħha u nofs jitħallew lill-ommha. Pero' baqgħet żżid li missierha ma speċifikax eżatt.

Il-Qorti baqgħet issaqsieha kif waslet għall-ammont li kellha tieħu mill-kont ta' missierha u wieġbet dan kien skont kemm kien hemm fil-kont. Pero' aktar tard tgħid li l-papa' qalilha li kellha tiġbed nofs is-somma li kellu.

[22] Folio 199.
[23] Folio 200.
[24] Ibid.

Mistoqsija għalfejn qabel ġibdet is-somma ta' €6757 mill-kont ta' missierha u ħalliet **biss** is-somma ta' 57 ewro, allura ferm oltre' in-nofs, wieġbet li taf x'kienet ir-raġuni. Pressata twieġeb li *"Eqq, naħseb skont ix-xewqa tal-papa"*[25]

In ri eżami tgħid li anke ommha kienet tgħidilha biex toħroġ il-flus u tagħtihom lit-tfal.

Inġabet tixhed **in-Nutara Sarah Scerri**.[26] Xehdet li hi qatt ma kellha kommunikazzjoni ma Brigitte. Kienet biss involuta fil-*causa mortis* kemm ta' Oreste u Melita Spiteri, dawn esibiti bħala Dok ss u Dok SS1.[27]

Da parti tal-perit **Joseph Zerafa Boffa**[28] dana xehed u kkonferma l-valutazzjoni ġia' riferuta s*upra* tal-fond dar tal-ġenituri tal-partijiet u dan għall-valur ta' €130,000.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

[25] Folio 207 tergo.
[26] Folio 188.
[27] Folio 190 u 195 rispettivament.
[28] Folio 189

Ikkunsidrat.

Illi tqies li jkun opportun f'dan l-istadju illi ssir referenza għal-ġurisprudenza nostrali fir-rigward tal-vertenza in eżami.

Ingħad fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Carmel Grima et. Vs. Saviour Grima et.**[29]

> *"Skond l-**Art 648 tal-Kap 16**, sabiex tinhadem il-legittima (illum sehem rizervat) iridu jizdiedu mal-assi ezistenti fil-mument tal-mewt id-donazzjonijiet li jkunu saru mit-testatur. Il-Qorti taghmel riferenza ghan-noti tal-**Prof. V. Caruana Galizia** dwar is-Successjoni pag 1021 fejn ighid hekk :-*
>
> *"Such addition is necessary because the portion of the deceased's property saved by law in favour of certain persons cannot be diminished by any disposition under a gratuitous title. The 'legitima portio' is computed on the whole estate of the deceased, viz on the property which would have existed at the time of his death had he made no donations. The said addition is a fictitious one, a mere calculation which however may necessitate an actual addition for the purpose of the abatement, if it results that the donations made by the deceased exceed the disposable portion. Subject to addition is any property given on donation to any person whatsoever, including those to whom the legitima portio is due ... even if the testator has exempted any of the said persons from imputing the property received on donation to their rights. Equally immaterial is the cause of the donation, consequently to the deceased`s estate are added not only those made purely `animo donandi` but also those made in remuneration for services, or out of gratitude..."*
>
> *Wara li dahal fis-sehh **l-Att XV tal-2012**, l-**Art 615 tal-Kap 16** gie jaqra hekk :-*
>
> *"(1) Is-sehem rizervat huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjet rizervat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-ragel jibqa` haj.*
>
> *(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem rizervat kontra l-beni tal-mejjet. Mghaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 ghandhom jigu mizjuda ma` dak il-kreditu mid-data tal-ftuh tas-successjoni jekk is-sehem rizervat jintalab fi zmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data*

[29] Rikors numru 1062/2007/1 JZM; 21 ta' Lulju, 2021.

*tan-notifika ta` att gudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun ghadda dak il-perjodu ta` sentejn:*

*Izda l-Qorti tista`, fejn ic-cirkostanzi tal-kaz hekk jehtiegu, tiddeciedi li ma jinghatax imghax jew tistabbilixxi rata ta` imghax li tista` tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139."*

***Qabel dahal fis-sehh l-Att XV tal-2012, ma kienx hemm il-proviso ghas-subinciz (2) li hemm illum."***

Fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Saviour James Vella v. Antoinette Carmen Barbara** deċiża 16 ta' Lulju, 2024[30] intqal:-

*"Illi dwar ir-rijunjoni fittizja tal-assi ereditarji sabiex jigi rikostruwit il-patrimonju kollu tad-decuius il-Qorti taghmel referenza ghad decizjoni fl-ismijiet **Joseph Portelli et -vs- Rita Portelli et** deciza fil-15 ta' April, 2004 fejn inghad illi:*

*"Wieħed irid jirriporta ruhu għall-valur fiz-zmien tal apertura tas-successjoni.*
*a) Fl-ewwel lok għandhom jingabru l-beni kollha fiz-zmien tal-ftuħ tas-successjoni (relictum) u jingħata l-valur tagħhom fiz-zmien tal-apertura tas-successjoni;*

*(b) Minn dan l-ammont għandu jinqata' d-dejn;*

*(c) Mal-bilanc li jibqa' għandu jizdied il-valur tal-beni li t testatur ikun ta b'donazzjoni. Fl-artikolu 648(b) tal-Kodici Civili jingħad li din il-proprjetà "shall be fictitiously added" meħud in kunsiderazzjoni tal-valur tal-proprjetà fi zmien tal-apertura tas-successjoni izda fil-kundizzjoni li kienet meta ingħatat id-donazzjoni.*

*B'hekk inkunu nistgħu nsiru nafu jekk dak li ddispona minnu d-decujus (kemm matul ħajtu u wkoll permezz ta' dispozizzjonijiet testamentarji) jaqbizx is-sehem li minnu seta' jiddisponi"*[31].

---

[30] Rikors numru 743/2004/2 JVC
[31] 1 Ara wkoll decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri moghtija fis 26 ta' Settembru, 2007 fl-ismijiet **Joseph Portelli pro et noe -vs- Rita Portelli et.**

Insibu dan fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Emanuel Grixti vs Salvina Grixti et.** [32]

> *"Illi l-ewwel u qabel kollox il-Qorti tirrileva illi skont l-Artikolu 620 tal-Kodiċi Ċivili u kif ingħad tajjeb fil-kawża fl-ismijiet Nutar Maria Carmela sive Marica Buttigieg Sciberras et vs Nutar Maria Rosa sive Rossella Sciberras , is-sehem riżervat jinħadem kif ġej:*
>
> *"Artikolu 620 tal-Kodiċi Ċivili jirregola dan il-punt legali. Qabel kollox issub artikolu 2 jipprovdi li "Is-sehem riżervat jiġi kalkolat fuq l-assi kollha, wara li jitnaqqsu d-djun tal-assi u l-ispejjeż tal-funerali."*
>
> *F'dan ir-rigward, il-konvenuta ma ġabet ebda prova ta' djun u lanqas spejjeż tal-funeral. Għalhekk dan it- naqqis ma jistax isir f'dan il-każ. Dawn il-Qrati jirribadixxu l-prinċipju "Illi jsegwi li idealment il-leġittima trid tingħata in natura (Wismayer et vs Wismayer et (PA 22/05/1950 Kollez. Vol. XXXIV.ii.574), jiġifieri tkun magħmula minn fost il-ħwejjeġ mill-ġid tal-mejjet li jew jkunu għadhom jagħmlu parti mill-assi tiegħu mal-mewt, jew ikunu ddaħħlu idealment lura fil-wirt jekk il-mejjet ikun matul ħajtu iddispona b'liberalita minn iżjed minn dak li tagħtih il-liġi. Is-sehem riżervat jinħadem fuq il-wirt kollu (magħdud dak li t-testatur ikun ta b'xejn matul ħajtu wkoll bi ħsieb ta' żwieġ (art. 620(3) tal-Kap. 16), wara li jitnaqqsu d-djun u l-ispejjez tal-funeral (art. 620(2) tal-Kap. 16) u dak il-ġid kollazzjonabbli li l-leġittimarju ikun ħa mingħand it-testatur (art. 620(4) tal-Kap. 16), u tingħata fi proprjeta sħiħa meħlusa minn kull piz jew kondizzjoni (art. 620(1) tal-Kap. 16). Fuq kollox, is-sehem rizervat jiġi mgħoddi b'assenjazzjoni u mhux bit-tlugħ tax-xorti (Scicluna et vs Meli et (PA 07/01/1967 Kollez. Vol: LI.ii.696) (Ara Sentenza tat-22 ta' Ġunju, 2023. Fl-ismijiet Maria Concetta sive Mari Shires v. Joseph Bonello, Qorti tal-Appell Superjuri)".*

Magħmula din ir-rassenja ġurisprudenzjali tqis li jkun opportun teżamina dak li jippretendu l-partijiet biex l-Qorti tasal għal dak li hu legalment ġust spettanti lill-attriċi.

[32] Deċiża 29 ta' Novembru 2024 Rikors Numru 346/2019FDP

**<u>L-immobbli dar tal-ġenituri l-fond 136, Triq il-Liedna Fgura.</u>**

Jibda biex jingħad illi għalkemm il-Qorti mhux tenuta tadotta l-konklużżjonijiet peritali esperti tekniċi nominati, m'għandhiex tiddipartixxi mill-istess b'mod leġġer u bla raġuni. Fuq kollox perit maħtur appożitament fil-kamp ta' *expertise* tiegħu għandu żgur konnoxxenza ta' hekk aktar mill-Qorti nnifisha. Per konsegwenza u magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet l-Qorti ma tarax għaliex m'għandhiex tadotta l-valur mogħti mill-perit tekniku minnha maħtur.

Del resto naraw ukoll li ħadd mill-partijiet m'għadda biex jikkontesta b'xi mod l-istess konklużżjonijiet peritali.

**Hu wkoll miżmum lil valur ta' l-imobbli li jgħodd għal komputazzjoni ta' l-assi huwa dak li kien fi żmien tad-deċess.**

Il-Perit tekniku ta valur lid-dar tal-ġenituri tal-partijiet għall-ammont ta' **€175,000** u dan fis-sena 2017.

Wieħed irid jiftakkar ukoll li il-ġenituri mietu fi żmien sena u xahrejn minn xulxin bl-omm tkun l-aħħar li mietet f'Settembru 2018.

F'dan ir-rigward il-Qorti se tagħmel referenza għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Francis Busutill vs Mary mart Anthony Azzopardi et**.[33] fir-rigward:-

> *"24 Dwar il-mertu tal-appell prinċipali l-Qorti tiirileva li huwa korrett l-appellat meta jargumenta li skont il-liġi u l-ġurisprudenza l-jedd għas-sehem riservat tiegħu twieled mal-mewt ta' Lorenza Busutill., u li għalhekk il-valur tas-sehem riservat tiegħu għandu jiġi kkalkulat b'referenza għaż-żmien meta ġie nieqsa l;-istess Lorena Busutilll…"*

Fin-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attriċi din tikkontendi illi sehma mill-proprjeta' qua porzjon riservat għandu jinħadem fuq is-somma ta' €295,000, valur tal-proprjeta' dak in-nhar tal-likwidazzjoni

Minn naħa l-oħra l-konvenuta taħdem is-sehem dovut billi tikkalkula li skont il-valutazzjoni tal-perit tekniku għall-ammont ta' €175,000, l-ammont ta' sehem Oreste Spiteri li ġie nieqes l-ewwel allura huwa ta' €87,000.

Il-konvenuta targumenta wkoll l-attriċi naqset li tressaq l-ammont tal-valur tal-proprjeta' fi żmien il-mewt ta' ommha kif kien jinkombi lilha bil-liġi. Allura skontha l-Qorti għandha tieqaf hawn.

**Hu vera li ma tressaq ebda valur għas-sena 2018.**

Pero' l-Qorti tista' li xorta tasal għall-ammont ġust li jispetta lill-attriċi fuq is-sehem ta' ommha fuq id-dar.

---

[33] Deċiża fil-25 ta' Jannar, 2023 Rikors Appell 772/18/1.

Jekk il-Qorti tħares lejn il-**Property Prices Index** maħrug mic-**Central Bank of Malta** isib u jirriżultalha illi minn Settembru tas-sena 2017 sa Settembru tas-sena 2018 il-proprjeta' għoliet fil-valur tal-prezz fis-suq bejn 124.3 għal 143.8 allura għal ċirka 15.6%. Dan jwassal għal valur ta' €202,000 fis-sena 2018.

Nofs dan il-valur qua sehem ta' l-omm huwa €101,000

**Għalhekk il-Qorti tista' tagħti l-valur tal-proprjeta' għas-somma ta' €188,000 għal fini ta' komputazzjoni tal-massa ereditarja fi żmien tad-deċess.**

**<u>Dwar il-flejjes fil-bank.</u>**

Fin-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attriċi hemm elenkati sew u b'mod dettaljat il-flejjes illi l-konvenuta ħarget mill-kontijiet bankarji tal-ġenituri tagħha dan fuq skorta u jew ta' debit card (użu ta' ATM) li kellha fil-pussess tagħha u wkoll minħabba l-prokura li tawha l-ġenituri. Dawn huma sew elenkati fit-tabelli fl-istess nota sa fejn jikkonċernaw il-kont mal-Bank HSBC[34]. Insibu lill-konvenuta bejn is-26 ta' Settembru, 2016 sa l-1 ta' Lulju, 2017 ġibdet minn kont intestat lill-missierha xejn anqas minn **€10,560** f'sena.

Naraw ukoll illi fil-perjodu ta' Settembri 2015 sa Lulju, 2017 permezz tal-prokura ġibdet is-somma ta' €.9757.00. Dawn il-*withdrawals* saru mill-kont bankarju

[34] Folio 207

mal-BOV u dan fuq skorta tal-prokura lill-konvenuta kellha favur tagħha. Dan jammonta għal **€23,317.0.** Kif sew tgħid l-attriċi dawn jinkludu wkoll is-somma ta' **€6757** miġbuda kif ngħad jumejn qabel il-mewt ta' Oreste Spiteri.

L-istess *pattern* ġie adottat mill-konvenuta anke fil-konfront tal-kont bankarju ta' ommha. Kif sew senjalat kemm mill-*istatements* bankarji u fin-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attriċi naraw u nsibu illi minn kont minnhom li jgħajjat lill-Melita Spiteri saru *cash withdrawals* għall-ammont ta'**€32,869.52** u dan bejn Mejju, 2013 sa Settembru 2018. Ta' min jinnota wkoll li aktar lejn l-aħħar il-frekwenza li beda jsiru dawn il-withdrawals kienu aktar ta' spiss.

Sew hemm notat fin-nota ta' sottomissjonijiet illi waqt li l-omm kienet ġewwa l-isptar, u dan għal xahrejn, tlett xhur, xorta baqgħu jinġibdu ammont ta' flejjes mill-konvenuta, tant li f'Settembru 2018 inġibdet is-somma ta' €9940 magħduda.

Permezz ta' prokura li l-omm tat lill-konvenuta saru wkoll numru ta' *withdrawals,* issa mill-kont bankarju li l-omm kellha mal-Bank of Valletta dan bejn Frar, 2015 u Novembru, 2017 u dan fl-ammont ta' €16,611. 09 magħduda.

Tispiċċa wkoll is-somma ta' €13,811.09 li l-konvenuta ġibdet mill-kont ta' ommha bin-numru 40022799676 u qegħdet fuq dak tagħha bin-numru 40025033119.

L-attriċi ssostni illi l-Qorti għandha jew tieħu in kunsiderazzjoni s-somma kollha miġbuda u tpoġġi dawn fl-ammont ta' **€53,798.20**. Alternattivament tissuġerixxi illi l-Qorti għandha tieħu in kunsiderazzjoni s-sommon ta':

- **l-ammont ta' €6757 meħud fit-18 ta' Lulju, 2017 mill-kont bankarju intestat lil Oreste Spiteri, mill-kont bankarju mall-BOV bin-numru 40023420119.**
- **L-ammont ta' €9940 lill-konvenuta ġibdet mill-Bank HSBC mill-kont numru 087034906050.**
- **L-ammont ta' €13,811.09 lill-konvenuta trasferiet kif ġia ngħad mill-kont bankarju ta' ommha għal dak intestat f'isimha kif ingħad.**

Dawn ovja għandhom jingħaddu ma kull bilanċ li kien jinsab fil-kontijiet bankarji fi żmien tad-deċess.

Minn naħa l-oħra l-konvenuta taċċetta illi dak li jgħodd għal fini ta' din il-komputazzjoni hu l-bilanċ tal-kontijiet bankarji kif kienu fiż-żmien il-mewt tal-ġenituri magħduda donazzjonijiet li setgħu saru.

Jikwantifikaw dak li baqa' fil-kontijiet bankarji hekk;

BOV f'isem Oreste Spiteri nru tal-kont 400 2342 0119 Dok JB fl-ammont ta' **€51.53**

HSBC kont bankarju bin-numru 087 033 676 050 ukoll f'isem Oreste Spiteri fl-ammont ta' **€12.21** Dok LA

Kont term Deposit mal-BOV bin-numru 400 1129 0704 f'isem Melita Spiteri fl-ammont ta' **€1,172.24**

**Dana kollu fl-ammont totali ta' €1,235.98.**

Iżiedu illi ma dan l-ammont għandu jiżdied l-ammont ta' **€6,757** mogħtija bħala donazzjoni lil Raoul Mifsud in kwantu dan kien jirrappreżenta serviġi Jsostnu li l-attriċi ma resqet ebda prova li saru xi donazzjonijiet oħra kif tallega.

Ikkunsidrat.

Illi l-attriċi tallega malafede da parti tal-konvenuta għall-mod kif l-istess amministrat il-flejjes bankarji tal-ġenituri tagħha fuq skorta ta' użu *debit card* jew tramite l-prokura.

Il-konvenuta tiddefendi l-aġir tagħha billi tgħid li l-flejjes li hi kienet tiġbed mill-kontijiet tal-ġenituri tagħha kienu għall-użu tal-ħajja tagħhom ukoll għall-mediċini, barra donazzjonijiet.

Fil-fehma tal-Qorti l-attriċi rnexxielha bla ebda dubbju sal-grad tal-probabbli turi illi l-konvenuta kienet ta' mill-anqas ferm laxka u kapriċċuża bil-flejjes tal-ġenituri tagħha. Ħarsa lejn il-kontijiet bankarji ma jwasslu għall-ebda

ġustifikazzjoni oħra ta' dak allegat. Il-konvenuta tilmenta li l-attriċi ma ressqet ebda prova tal-malafede tagħha, dan mhux minnu għaliex il-prova resqitha billi telgħet lilha, lill-konvenuta fuq il-pedana, u rajna ġia' il-mod kif xehdet meta mistoqsija kif iddeċidiet li tieħu mill-flejjes tal-ġenituri tagħha. Oltre hekk, setgħet hi faċilment ressqet kull riċevuta li kellha fi ħdana ta' l-ispejjeż li nkorriet minħabba il-ġenituri tagħha, anke meta tallega li saħansitra ħallset *carers* għalihom minn butha. Fuq kollox kienet hi li kienet tieħu ħsieb il-ġenituri tagħha u kellha hi l-prova f'idejha ta' dak li tallega li nefqet.

Il-Qorti ma tistax ma tikkumentax fuq il-fatt li dawn iż-żewġt ix-xjuħ donnhom kellhom bżonnijiet li kienu jammontaw għal spejjeż identiċi u kontinwi tul il-milja ta' sena jew tnejn. Spejjeż li kif ingħad in kwantu daqstant identiċi kif jirriżulta mill *withdrawals,* setgħu faċilment jiġu ġustifikati mill-konvenuta kieku dak li qalet kellu mill-vera. Naraw fil-fatt *withdrawals* kontinwi ta' sitt mitt ewro u tlett mitt ewro b'mod frekwenti, f'intervalli ta' ġranet.

Indubbjament il-Qorti ssib illi l-attriċi kienet abbużiva qua mandatarja tal-ġenituri tagħha u naqset li taġixxi in buona fede kif mitlub *ex lege* fl-amministrazzjoni tal-mandat. [35] Donna l-konvenuta nesiet ukoll li mandat jmut mal-mandant u baqgħet tuża l-kontijiet bankarji anke wara d-deċess ta' l-istess.

[35] Ara artikolu 1873 tal-Kap 16 tal-liġijiet ta' Malta.

Mit-tranżazzjonijiet bankarji esibiti huwa ferm diffiċli għall-Qorti li tirraġuna mod ieħor. Tħaddan ukoll dak kollu espress fin-nota ta' sottomissjonijiet attriċi għal dak li hu l-obbligi tal-mandatarju.

Tqis però illi għalkemm ma tressqet ebda prova ta' rċevuti ta' dak li kienu jikkunsmaw il-ġenituri tal-partijiet, ukoll ta' mediċini u bżonnijiet oħra, li għandha tagħraf li dan huwa fatt tal-ħajja li se tieħdu wkoll in konsiderazzjoni fil-komputazzjoni tal-porzjon riżervat. Dan jingħad oltre għall-spejjeż oħra bħal dawk funebri li wkoll jridu jittieħdu in kunsiderazzjoni.

Ikkunsidrat ulterjorment.

Magħmula dawn il-premessi l-Qorti tqis li dak li għandu jiġi kkunsidrat li għandu jerġa' jidħol mal-massa ereditarja biex jiġi kkalkulat l-porzjoni riżervat huma s-segwenti flejjes-:

€1,235.98.

€6757

€9940

€13,811.09, allura għall-ammont ta' **€31,744.07.**

**Jiġi ritenut li dan hu l-ammont li l-Qorti tħoss li fiċ-ċirkostanzi tal-provi prodotti u dawk li setgħet tressaq l-attriċi jwasslu biex legalment jitqiesu bħala donazzjonijiet u l-bilanċ fil-kontijiet bankarji. Fil-każ ta' flejjes oħra miġbuda, li kienu ħafna, il-Qorti ma tħossx li kellha prova biżżejjed biex tislet liema inġibdu mill-attriċi abbużivament u liema kienu għal vera użu tal-hajja tal-ġenituri. Donnu anke l-attriċi tagħraf din il-problema fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha. B'dan pero' li l-Qorti tagħraf u temmen li dan l-abbuż sar.**

**Bla tlaqliq terġa' tgħid li l-konvenuta uriet abbuż totali lejn il-mod kif amministrat ħwejjeġ fdati lilha mill-ġenituri tagħha u aktar u agħar lejn il-fiduċja li dawna tawha. Dan biex il-Qorti ma tgħid xejn fuq id-deheb li sparixxa! Pero l-fatt jibqa' li l-abbuż sar. Konsegwentement, inkella mod ieħor jiġi premjat il-qerq, il-Qorti qegħda *arbitrio boni viri* żżid ma din is-somma l-ammont konservattiv ta' €6000 biex jagħmel tajjeb għal kull abbuż ipperpetrat.**

**Is-somma għalhekk li għandha tidħol fil-massa ereditarja bħala flejjes li kienu jinsabu fil-kontijiet bankarji, anke jekk b'mod fittizzju, imma biss għall-komputazzjoni ta' hekk, hija dik globali ta' €37,744.07.**

Il-Qorti tagħmel referenza għall-artikolu 616 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

> *"616.(1) Is-sehem riżervat li jmiss lit-tfal kollha, kemm jekk imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ jew imnissla jew imwielda barra miż-żwieġ jew adottati, għandu jkun terz tal-valur tal-beni jekk dawk it-tfal ma jkunux iżjed minn erba' fl-għadd jew nofs ta' dak il-valur jekk ikunu ħamsa jew iżjed.*
>
> *(2) Is-sehem riżervat jinqasam f'ishma daqsinsew bejn it-tfal li jmisshom minnu.*
>
> *(3) Jekk ma jkunx hemm ħlief tifel wieħed, dan jieħu waħdu t-terza parti kollha hawn qabel imsemmija"*

Mela l-kwota mis-sehem riżervat li għandha tmiss lill-attriċi hija terz ta' l-eredita'.

Mela magħduda s-somma stabbilita għall-immobbli għall-ammont ta' **€188,000** ma dik tal-flejjes bankarji fl-ammont ta' **€37,744.07** jagħtu ammont ta' **€225,744.07.**

**Is-sehem riżervat għalhekk huwa fis-somma ta' €75,248.02**

**<u>Imgħaxxijiet.</u>**

Anke fuq dan il-punt hemm diverġenza bejn il-partijiet.

L-attriċi tikkontendi li l-imgħaxxijiet dovuta lilha għandhom ikunu komputati minn dak in-nhar ta' l-apertura tas-suċċessjoni.

Il-konvenuta tgħid li minħabba li ma kienx hemm dewmien biex isir il-ħlas tal-porzjoni riżervat, ukoll għax din il-likwidazzjoni ma saritx qabel b'tortijiet ta' l-attriċi, li l-Qorti m'għandhiex takkorda tali imgħaxx u jekk tagħmel dan għandu jkun ta' inqas minn tmienja fil-mija.

In soluzzjoni ta' din il-vertenza l-Qorti se terġa' tagħmel referenza ta' dak ġia' hawn fuq espost. Għalhekk għall-mod kif il-konvenuta mxiet biex tamministra l-beni tal-ġenituri tagħha.

Għalkemm ma nġabux kompletament provi ċari ta' dan, u ta' hekk se tbagħti l-attriċi, huwa ċar li l-konvenuta verament żvestit il-kontijiet bankarji tal-ġenituri tagħha. Għalhekk ma tagħtix tort li l-attriċi li ma setgħetx taqbel ma dak propost lilha minn oħtha ta' dak li kien imissha. Tqis li għalhekk l-imgħaxx hu dovut u dan b'dak l-għola li tippermetti l-liġi.

Għalkemm hija konxja wkoll illi l-missier miet qabel l'omm b'sena u xahrejn, għal fini ta' prattiċita' u komputazzjoni tqis li s-somma dovuta għandha tkun versu l-imgħaxx ta' tmienja fil mija 8% u dan mid-data tal-mewt ta' l-omm mis-17 ta' Settembru, 2018. Tfakkar ukoll illi l-attriċi kienet adempjenti mal-kelma tal-liġi billi preżentat ittra uffiċjali in terminu *ex lege*.

**Konsegwentement taqta' u tiddeċiedi illi:**

**-Tiddikjara illi l-assi ereditarji tal-konjuġi Spiteri huma kif hawn fuq stabbilit ċioe' d-dar matrimonjali fl-indirizz 136, Triq il-Liedna, Fgura, wkoll il-flejjes bankarji fl-ammonti hawn fuq dikjarati;**

**-Tillikwida fuq skorta ta' dak deċiż il-kreditu spettanti lill-attriċi Brigitte Spiteri fis-somma ta' ~~€75,248.02~~[36] u dan skont il-porzjon riżervat kif imħolli lilha mit-testment unica charta tal-konjuġi Oreste u Melita Spiteri tat-2 ta' Settembru, 2008 u dan skont il-massa ereditarja tad-defunti msemmija;**

**-Tikkundana lill-intimata konvenuta Maria Theresa sive Marthese Mifsud għall-ħlas tas-somma ta' ~~€75,248.02~~[37] likwidata bħala l-porzjon riżervat dovut lill-attriċi Brigitte Spiteri u dan versu l-imgħaxx tat-tmienja fil-mija dekorribbli mis-7 ta' Settembru, 2018 sad-data tal-pagament effettiv.**

**-Tiċħad l-aħħar talba tal-attriċi għan-nomina ta' Nutar ukoll ta' kuraturi deputati għax mhux il-każ.**

**-Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta fl-intier tagħhom.**

[36] €37,624.01 – korrezzjoni awtorizzata b'digriet tas-26/3/25
[37] €37,624.01 – korrezzjoni awtorizzata b'digriet tas-26/3/25

**Bl-ispejjeż ta' din l-istanza wkoll u inkluż tal-ittra uffiċċjali numru 4331/2018 a karigu tal-konvenuta.**

**Onor. Miriam Hayman**

**Imħallef**

**Rita Falzon**

**Dep.Reġ**